*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,853, 16 ta' Diċembru, 2005*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru. XX ta' l-2005**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jagħmel disposizzjonijiet speċjali dwar il-vjolenza domestika u biex jagħmel emendi konsegwenzjali u emendi oħra fil-Kodiċijiet Kriminali u Ċivili.**

**ACT No. XX of 2005**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to make special provision for domestic violence and to make consequential and other amendments to the Criminal and Civil Codes.**

Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

EDWARD FENECH ADAMI
President

16 ta’ Diċembru, 2005

**ATT Nru. XX ta’ l-2005**

*ATT biex jagħmel disposizzjonijiet speċjali dwar il-vjolenza domestika u biex jagħmel emendi konsegwenzjali u emendi oħra fil-Kodiċijiet Kriminali u Ċivili*

Il-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, mlaqqgħa f’dan il-Parlament, bl-awtorità ta’ l-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej: -

**PARTI I**
**Introduttorju u Definizzjonijiet**

**1.** (1) It-titolu ta’ dan l-Att hu Att ta’ l-2005 dwar il-Vjolenza Domestika. Titolu.

(2) Id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ f’tali data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista’ jistabilixxi b’avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk appuntati għal disposizzjonijiet differenti u għal finijiet differenti ta’ dan l-Att.

**2.** F’dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor: Tifsir.

“il-Kummissjoni” tfisser il-Kummissjoni stabbilita bl-artikolu 3 ta’ dan l-Att;

“membru domestiku” tinkludi:

(i) persuni miżżewġin jew li kienu qabel miżżewġin lil xulxin;

(ii) persuni li jgħixu fl-istess dar mal-ħati jew li kienu jgħixu mal-ħati f'perjodu ta' sena qabel ir-reat;

(iii) persuni li ż-żwieġ tagħhom ikun ġie xolt jew dikjarat null;

(iv) ġenituri u t-tfal tagħhom;

(v) adulti oħra li jkunu joqogħdu fl-istess dar;

(vi) persuni li jkunu, jew li kienu, għarajjes kemm formalment kemm informalment bil-ħsieb li jiżżewġu;

(vii) persuni li jiġu minn xulxin jew b'konsangwinità jew b'affinità sat-tielet grad inkluż;

(viii) persuni li għandhom jew kellhom tifel bejniethom;

(ix) it-tarbija konċepita iżda li tkun għad trid titwieled ta' xi waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (i) sa (viii), it-tnejn inklużi;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-politika soċjali;

"vjolenza domestika" tfisser kull att ta' vjolenza, anki jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor u tinkludi kull ommissjoni li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali lil ħaddieħor.

## PART II
## Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika

Twaqqif tal-Kummissjoni.

**3.** (1) Għandu jkun hemm Kummissjoni li tissejjaħ il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika li għandha tkun komposta minn President u mhux inqas minn erba' membri oħra maħturin mill-Ministru wara konsultazzjoni ma' dawk l-aġenziji jew entitajiet pubbliċi u privati involuti fir-riċerka, il-prevenzjoni u t-trattament tal-vjolenza domestika skond kif il-Ministru jista' jidhirlu xieraq. Membru tal-Kummissjoni jista' jinħatar mill-ġdid wara li jiskadilu t-terminu tal-ħatra tiegħu.

(2) Persuna ma tistax tkun kwalifikata biex ikollha kariga bħala membru tal-Kummissjoni jekk hija tkun Ministru, Segretarju

Parlamentari, membru jew kandidat għall-elezzjoni fil-Kamra tad-Deputati, jew membru ta' awtorità ta' gvern lokali.

(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-kariga ta' membru tal-Kummissjoni ssir vakanti:

(a) meta jagħlqu t-tliet snin mid-data tal-ħatra jew f'dik id-data li tiġi qabel skond ma jista' jiġi speċifikat fl-istrument li bih ikun inħatar; jew

(b) mar-riżenja b'ittra indirizzata lill-Ministru; jew

(ċ) meta tinqala' xi ċirkostanza li, kieku persuna ma kienetx membru tal-Kummissjoni, kienet iġġib l-iskwalifika tagħha minn dik il-ħatra.

(4) Membru tal-Kummissjoni jista', f'kull żmien, jitneħħa mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-membri l-oħra tal-Kummissjoni u jkun sostitwit minn membru ieħor.

**4.** Il-Kummissjoni għandu jkollha l-funzjoni li tagħti parir lill-Ministru fuq kull aspett tal-vjolenza domestika u b'mod partikolari fuq: Funzjonijiet.

(a) it-tkabbir tal-konoxxenza u l-għarfien tal-vjolenza domestika u dwar il-fastidju u l-konsegwenzi li dawn iġibu u fuq il-modi u l-miżuri biex jitnaqqas l-għemil tagħhom;

(b) oqsma ta' vjolenza domestika li hu meħtieġ jew mixtieq li ssir riċerka fuqhom;

(ċ) l-istrateġiji biex tiġi esposta l-vjolenza domestika u biex jiġi faċilitat l-intervent ta' aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati fir-rigward ta' vittmi u awturi ta' vjolenza bħal dik;

(d) l-edukazzjoni tal-pubbliku fuq l-aspetti kollha tal-vjolenza domestika;

(e) il-modi kif tiġi faċilitata l-komunikazzjoni bejn aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati li jkunu involuti fit-teħid ta' azzjoni kontra l-vjolenza domestika;

(f) *standards* għal faċilitajiet ta' kura għal vittmi u awturi ta' vjolenza domestika, inklużi servizzi jew faċilitajiet ta' kenn pubbliċi jew privati;

(ġ) *standards* u protokolli għall-operaturi;

(ħ) il-proċeduri għall-koordinament effettiv f'livell nazzjonali ta' l-attivitajiet ta' aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati mqabbdin fl-għoti ta' servizzi dwar materji ta' vjolenza domestika inklużi servizzi ta' sostenn;

(i) pjan komprensiv u koordinat għall-ġbir ta' informazzjoni dwar vjolenza domestika biex din tintuża mill-qrati, prosekuturi, uffiċjali għall-infurzar tal-liġi, operaturi tal-kura fis-saħħa, operaturi soċjali u aġenziji u entitajiet oħra b'mod li tiġi protetta l-identità tal-vittmi ta' vjolenza domestika;

(j) l-żvilupp ta' pjan komprensiv għal programm multi-dixxiplinarju ta' prevenzjoni attiva u ta' intervent kmieni;

(k) it-taħriġ speċjalizzat għall-gruppi professjonali involuti; u

(l) il-konsultazzjoni li ssir u nisġa ta' komunikazzjoni ma' entitajiet nazzjonali u internazzjonali rilevanti oħra.

Laqgħat.

**5.** (1) Il-Kummissjoni għandha tiltaqa' fi żmien xahar minn meta titwaqqaf u, wara, daqstant spiss daqs kemm ikun meħtieġ jew spedjenti.

(2) Il-Kummissjoni għandha titlaqqa' mill-President fuq inizjattiva tiegħu nnifsu jew wara li ssirlu talba minn tnejn mill-membri l-oħra tal-Kummissjoni.

(3) Il-Kummissjoni ma għandhiex taġixxi kemm-il darba ma jkunx hemm kworum preżenti magħmul mill-President u mhux inqas minn żewġ membri oħra.

(4) Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għandhom jgħaddu b'maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri preżenti u f'każ ta' parità ta' voti, il-President għandu jkollu u jeżerċita t-tieni vot jew vot deċiżiv.

(5) Kull vakanza li jista' jkun hemm fost il-membri tal-Kummissjoni ma għandhiex tinvalida l-proċeduri tal-Kummissjoni.

(6) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Kummissjoni tista' tirregola l-proċedura tagħha stess.

**6.** (1) Sa l-aħħar ta' Marzu tas-sena li tiġi minnufih wara s-sena tat-twaqqif tagħha, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ta' l-attivitajiet kollha tagħha u għandha tibqa' tagħmel rapport bħal dak sa l-aħħar ta' Marzu ta' kull sena li tiġi wara. Kopja tar-rapport għandha tintbagħat lill-Ministru li għandu, mhux aktar tard minn erba' gimgħat wara li jirċievi r-rapport, iqiegħed kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra b'dan illi jekk il-Kamra ma tkunx qegħda tiltaqa', allura dak ir-rapport għandu jitqiegħed sa mhux aktar tard minn erba' ġimgħat wara li l-Kamra terġa' tibda tiltaqa'. Rapporti.

(2) Ir-rapport imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu, fi żmien tmien ġimgħat mid-data li fiha kopja tiegħu titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, jiġi diskuss mill-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tad-Deputati jew xi kumitat ieħor li jissostitwih.

**7.** Il-Ministru jista', kull meta l-Kummissjoni titolbu, jaħtar persuna jew jassenja uffiċjal pubbliku biex jgħinha, f'kapaċità konsultiva, għall-fini ta' l-eżerċizzju ta' kull waħda mill-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att. Persuni biex jgħinu lill-Kummissjoni.

**8.** (1) Għandu jkun hemm Segretarju tal-Kummissjoni li jkun persuna maħtura bħala tali mill-Ministru jew uffiċjal pubbliku assenjat mill-Ministru biex jaqdi l-funzjonijiet ta' Segretarju. Segretarju u persunal.

(2) Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll dak il-persunal l-ieħor skond ma l-Ministru jista' jqis meħtieġ u li huwa jaħtar jew jassenja kif hawn qabel imsemmi.

## PARTI III
## Aġenzija Msemmija

**9.** (1) Il-Ministru għandu jsemmi organizzazzjoni waħda jew aktar, istituzzjonijiet jew korpi oħra li magħhom ikunu saru arranġamenti kif provdut fis-subartikolu (2) bħala l-aġenzija li tkun responsabbli għall-organizzazzjoni ta' programmi ta' prevenzjoni, terapija u, jew ta' kura għal vittmi u awturi ta' vjolenza domestika. Aġenziji msemmija.

(2) Il-Ministru għandu jassenja dawk is-servizzi li għandhom jiġu provduti mill-organizzazzjoni, istituzzjoni jew korp imsemmija.

(3) L-arranġamenti msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jispeċifikaw is-servizzi li l-organizzazzjoni, istituzzjoni jew korp ieħor ikunu mistennija li jipprovdu sakemm itulu l-arranġamenti u li għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(a) programmi ta' prevenzjoni, terapija u, jew ta' kura għal vittmi u awturi ta' vjolenza domestika;

(b) faċilitajiet ta' linja ta' komunikazzjoni ta' għajnuna pubblika biex ikun hemm aċċess ta' emerġenza għal servizzi ta' appoġġ speċjalizzati f'dawk l-oqsma relatati mal-vjolenza domestika;

(ċ) esperti li jivvalutaw xi jkunu l-ħtiġiet ta' vittmi tal-vjolenza domestika, inkluż l-iżvilupp ta' pjan ta' kura għal kull persuna riferita;

(d) akkomodazzjoni mkennija għal vittmi ta' vjolenza domestika, inkluża dik li tingħata bi sħab ma' organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet jew korpi oħra li jipprovdu akkomodazzjoni bħal dik;

(e) il-ġbir u t-tixrid lil persuni u korpi li jkollhom interess ta' dokumentazzjoni fuq id-drittijiet li għandhom il-vittmi tal-vjolenza domestika u fuq ir-rimedji u s-servizzi disponibbli għalihom;

(f) il-ġbir ta' informazzjoni dwar il-vjolenza domestika biex din tintuża fil-Qrati, minn prosekuturi, uffiċjali li jinfurzaw il-liġi, operaturi fil-kura tas-saħħa, ħaddiema soċjali u aġenziji u entitajiet oħra, b'mod li tkun protetta l-identità tal-vittmi tal-vjolenza domestika.

(4) (a) L-arranġamenti msemmija fis-subartikolu (1) għandhom ukoll jipprovdu għall-iffinanzjar mill-Ministru tas-servizzi miftiehma ma' l-organizzazzjoni, istituzzjoni jew korp ieħor.

(b) L-aġenzija msemmija għandha żżomm il-fondi msemmija fil-paragrafu (a) separatament mill-fondi l-oħra ta' l-aġenzija, li għandha żżomm kif imiss kotba tal-kontijiet relattivi awditjati minn awdituri maħturin minnha bi ftehim mal-Ministru u li barra minn hekk ikunu jistgħu jiġu awditjati mill-Awditur Ġenerali.

(5) L-aġenzija msemmija għandha, sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tagħlaq kull sena finanzjarja, tgħaddi lill-Ministru:

(a) kopja tal-kontijiet annwali kif ċertifikati mill-awdituri;

(b) rapport fuq il-ħidma ta' l-aġenzija matul is-sena.

(6) Ir-rapport imsemmi fis-subartikolu (5) (b) għandu jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Ministru sa mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara li jirċevih, jew meta l-Kamra f'dak il-perjodu ma tkunx qegħda tiltaqa' mhux aktar tard mit-tieni ġimgħa wara li l-Kamra terġa' tibda tiltaqa', u dan ir-rapport għandu, fi żmien tmien ġimgħat mid-data li fiha kopja tiegħu titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, jiġi diskuss mill-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tad-Deputati jew xi kumitat ieħor li jissostitwih.

(7) Kull membru, uffiċjal, impjegat jew membru tal-persunal ta' aġenzija msemmija għandu jitqies bħala uffiċjal pubbliku għall-finijiet ta' l-artikolu 92 tal-Kodiċi Kriminali.

## PARTI IV
## Emendi fil-Kodiċi Kriminali, Kap.9

**10.** Fl-artikolu 87(1)(g) tal-Kodiċi Kriminali, hawn aktar 'il quddiem f'din il-Parti msejjaħ "il-liġi prinċipali", minflok il-kliem "tas-sess ta' dik il-persuna." għandhom jidħlu l-kliem "tas-sess ta' dik il-persuna;" u immedjatament wara għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 87 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.

"(h) jekk id-delitt ikun sar fuq il-persuna tal-missier, l-omm jew fuq xi persuna minn dawk imsemmija fil-paragrafu (h) ta' l-artikolu 202.".

**11.** F'artikolu 202 tal-liġi prinċipali, minnufih wara l-paragrafu (g) għandhom jiżdiedu dawn iż-żewġ paragrafi ġodda li ġejjin:

Emenda ta' l-artikolu 202 tal-liġi prinċipali.

"(h) meta d-delitt isir fuq il-persuna ta':

*(i)* il-konjuġi; jew

*(ii)* l-ħu jew l-oħt; jew

*(iii)* axxendent jew dixxendent naturali; jew

*(iv)* xi persuna oħra li jkollha jew li kellha tarbija komuni mal-ħati; jew

*(v)* xi persuna oħra li tkun qegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet qegħda tgħix mal-ħati matul perjodu ta' sena qabel ir-reat; jew

*(vi)* persuna oħra li tkun jew kienet kemm formalment kemm informalment għarusa bil-ħsieb li tiżżewweġ; jew

*(vii)* persuni oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi żwieġ sat-tielet grad inklużivament:

Iżda li f'dan il-paragrafu "konjuġi" tinkludi lill-persuna li ż-żwieġ tagħha mal-ħati jkun ġie xolt jew dikjarat null;

(i) "meta d-delitt isir quddiem minuri jew dan ikun jista' jisma' x'ikun qed isir.".

Emenda ta' l-artikolu 221 tal-liġi prinċipali.

**12.** Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 221 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "msemmijin fl-artikolu 222 (1) (b)." għandhom jidħlu l-kliem "msemmijin fl-artikolu 222 (1) (a) u (b).".

Emenda ta' l-artikolu 222 tal-liġi prinċipali.

**13.** Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 222 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "tal-missier jew ta' l-omm naturali;" għandhom jidħlu l-kliem "tal-missier jew ta' l-omm naturali, jew fuq xi persuna msemmija fis-subartikolu (h) ta' l-artikolu 202;".

Sostituzzjoni tas-Sub-titolu IX tat-Titolu VIII tal-liġi prinċipali.

**14.** Minflok is-Sub-titolu li hemm minnufih qabel l-artikolu 249 tal-liġi prinċipali, għandu jidħol dan il ġej:

"FUQ IT-THEDDID, VJOLENZA PRIVATA U FASTIDJU"

Żjieda ta' l-artikoli 251A, 251B u 251C ġodda mal-liġi prinċipali.

**15.** Minnufih wara l-artikolu 251 tal-liġi prinċipali għandhom jiddaħħlu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Il-fastidju.

251A. (1) Persuna li ġġib ruħha:

(a) b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra, u

(b) b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna,

tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.

(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:

(a) l-imġieba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew

(b) l-imġieba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew

(ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġonevoli.

(4) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa tliet xhur jew multa ta' mhux inqas minn elf lira u mhux iżjed minn elfejn lira, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 222.

Meta ohrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontrihom.

251B. (1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 222 tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn elfejn lira u mhux iżjed minn ħamest elef lira, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġieba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun se tikkaġuna biża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni.

(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:

(a) l-imġieba tagħha kienet adottata fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) jew (b) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 251A; jew

(b) l-imġieba adottata kienet waħda raġonevoli għall-ħarsien tagħha nnifisha jew ta' ħaddieħor jew għall-ħarsien tal-proprjetà tagħha jew ta' ħaddieħor.

Tifsir fl-artikoli 251A u 251B.

251C. F'artikoli 251A u 251B ta' dan il-Kodiċi riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna.".

Emenda ta' l-artikolu 331 tal-liġi prinċipali.

**16.** Fl-artikolu 331 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "ma hemmx azzjoni kriminali" għandhom jidħlu l-kliem "l-azzjoni kriminali ma titmexxiex mingħajr il-kwerela tal-parti offiża", u minnufih wara l-kliem "tal-persuna" għandhom jidħlu l-kliem "jew b'theddida ta' omiċidju jew ta' offiża fuq il-persuna.".

Żieda ta' artikolu ġdid 382A mal-liġi prinċipali.

**17.** Immedjatament wara l-artikolu 382 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Ordnijiet ta' Trażżin.

382A. (1) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tagħha taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli li ġejjin ta' dan is-Sub-titolu, meta l-qorti tqis li jkun espedjenti li hekk tagħmel għal xi raġuni msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 412C, il-qorti tista', meta tagħti sentenza kontra l-akkużat, flimkien ma' kull piena li tista' tagħti lill-ħati, tagħmel ordni (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ordni ta' trażżin") li tista' tagħti effett għal kull ma hemm fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 412C imsemmi.

(2) Ordni ta' trażżin għandha tibqa' fis-seħħ għal dak il-perjodu, li ma jkunx iżjed minn tliet snin, kif speċifikat mill-qorti li tista' tordna li dak il-perjodu jibda għaddej mid-data ta' l-iskadenza jew maħfra tal-piena. Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 412C għandhom *mutatis mutandis* ukoll japplikaw għal ordni ta' trażżin.

(3) Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu minn ordni taħt dan l-artikolu, huwa jkun ħati ta' reat u jista', meta jinstab ħati jeħel multa ta' elf lira Maltija jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il- multa u priġunerija flimkien.".

**18.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 383 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "ħames liri" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin lira" u minflok il-kliem "mitt lira" għandhom jidħlu l-kliem "elf lira".

Emenda ta' l-artikolu 383 tal-liġi prinċipali.

**19.** Minnufih wara l-artikolu 412B tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

Żieda ta' artikoli ġodda 412C u 412D mal-liġi prinċipali.

"Ordnijiet ta' Protezzjoni.

412C. (1) Meta persuna (hawn aktar 'il quddiem f'dan l-artikolu u fl-artikolu 412D msejħa "l-akkużat") tkun ġiet mixlija jew akkużata b'reat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala qorti ta' inkjesta kemm bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, il-qorti tista', minħabba f'raġunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża jew individwi oħra jew għaż-żamma ta' l-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat.

(2) Ordni ta' protezzjoni tista' timponi kull restrizzjoni jew projbizzjoni fuq l-akkużat li jistgħu jidhru lill-qorti bħala meħtieġa jew mixtieqa fiċ-ċirkostanzi sabiex jingħata effett lil kull skop minn dawk imsemmija fis-subartikolu (1).

(3) Bla ma tiġi limitata x-xorta ta' l-ordnijiet li jistgħu jinħarġu taħt is-subartikolu (1), ordni ta' protezzjoni tista' tagħmel dan li ġej kollu jew xi ħaġa biss minnu:

(a) tipprojbixxi jew tirrestrinġi akkużat milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna offiża jew ta' xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni; jew

(b) tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-aċċess mill-akkużat, għal perjodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew sas-sentenza finali, ġewwa fond fejn il-persuna offiża jew xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni, tkun qegħda tgħix, taħdem jew tiffrekwenta wkoll jekk l-akkużat ikollu xi interess legali f'dak il-fond; jew

(ċ) tipprojbixxi lill-akkużat milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuna offiża jew lil xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni.

(4) Qabel ma toħroġ l-ordni, il-qorti għandha tqis:

(a) il-ħtieġa li tiżgura li l-persuna offiża jew xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni jkunu protetti minn kull dannu jew molestja; u

(b) il-benesseri ta' tfal jew dipendenti oħra li jistgħu jintlaqtu mill-ordni; u

(ċ) il-ħtiġiet ta' akkommodazzjoni tal-persuni kollha li jistgħu jintlaqtu mill-ordni, b'mod partikolari tal-persuna offiża, it-tfal tagħha jew id-dipendenti l-oħra tagħha; u

(d) kull tbatija li tista' tkun kaġunata lill-akkużat jew lil xi persuna oħra minħabba li tkun saret l-ordni; u

(e) jekk l-akkużat ikunx irid jew le li jingħata dak it-trattament li l-qorti jista' jidhrilha li jkun xieraq; u

(f) kull materja oħra li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-qorti jidhrilha li tkun rilevanti:

Iżda għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-materji li jinsabu fil-paragrafi (a), (b) u (e).

(5) Ordni ta' protezzjoni għandha tibqa' fis-seħħ għal perjodu, ta' mhux aktar minn tliet snin, speċifikat mill-qorti, iżda li jista' jiġi revokat jew estiż għal perjodi ulterjuri.

(6) Kull parti fi proċedimenti li fihom tkun inħarġet ordni taħt dan l-artikolu jew kull individwu ieħor imsemmi fl-ordni, jista' jagħmel rikors quddiem il-qorti f'kull waqt għall-estensjoni, varjazzjoni jew revoka ta' l-ordni u wara li l-partijiet kollha jkunu ngħataw l-opportunità li jinstemgħu, il-qorti għandha, meta tiġi biex tiddetermina jekk testendix, tvarjax jew tirrevokax l-ordni, tqis il-materji speċifikati fis-subartikolu (4).

(7) Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-akkużat jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni taħt dan l-artikolu, huwa jkun ħati ta' reat u jista', meta jinstab ħati jeħel multa ta' elf lira Maltija jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(8) Il-qorti tista' wkoll tordna li kull arma regolari jew arma irregolari, kif imfissra fl-artikolu 64, jiġu depożitati għand ir-reġistratur tal-Qorti.

Ordnijiet ta' Trattament.

412D. (1) Flimkien ma' ordni ta' protezzjoni, jew separatament minnha, taħt l-artikolu 412C, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li jkunu saru jew li jistgħu jsiru arranġamenti adatti għal trattament, il-qorti tista' toħroġ ordni (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ordni ta' trattament") li tkun teħtieġ li persuna taċċetta li jsirilha trattament bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jista' jidhrilha adatti li tniżżel fl-ordni.

Iżda meta persuna tinstab ħatja ta' reat, tista' ssir l-ordni ta' trattament mill-qorti bil-kunsens tal-ħati jew mingħajru u fil-każ ta' persuna akkużata b'reat, ordni ta' trattament tista' ssir biss bil-kunsens ta' l-akkużat.

(2) It-trattament jista' jkun ta' kull xorta minn dawk speċifikati fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att dwar il-*Probation*.

Kap. 446.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (5) u (6) ta' l-artikolu 412C għandhom japplikaw għal ordni li ssir taħt dan l-artikolu.

(4) Jekk f'xi żmien matul il-perjodu li fih l-ordni tkun fis-seħħ tinġieb prova għas-sodisfazzjon tal-qorti li l-persuna tkun naqset milli tikkonforma ruħha ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni ta' l-ordni, il-qorti tista' twaħħal ammenda ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira.".

**20.** Fil-paragrafu (d) ta' l-artikolu 543 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "jew is-soċjeta` in ġenerali." għandhom jidħlu l-kliem "jew il-komunità in ġenerali;" u minnufih wara għandu jidħol dan li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 543 tal-liġi prinċipali.

"(e) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Vjolenza Domestika:

Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-minuri involuti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.".

Emenda ta' l-artikolu 544 tal-liġi prinċipali.

**21.** Il-proviso li hemm ma' l-artikolu 544 tal-liġi prinċipali għandu jiġi sostitwit biż-żewġ provisos li ġejjin:

"Iżda, meta xi wieħed minn dawn id-delitti jsir bi vjolenza pubblika, vjolenza domestika kif mfissra fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar Vjolenza Domestika, jew flimkien ma' reat ieħor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata:

Iżda wkoll meta fil-każ ta' delitt li jsir bi vjolenza domestika l-azzjoni kriminali tkun tmexxiet indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata, id-disposizzjonijiet tat-tieni proviso ta' l-artikolu 543(e) għandhom japplikaw ukoll għal dak il-każ.".

## PARTI V
## Emendi fil-Kodiċi Ċivili, Kap. 16

Emenda ta' l-artikolu 37 tal-Kodiċi Ċivili, Kap.16.

**22.** Minflok l-artikolu 37 (2) tal-Kodiċi Ċivili, hawn iżjed 'il quddiem f'din il-Parti msejjaħ "il-liġi prinċipali", għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Ir-rikors li jkun fih it-talba msemmija fil-proviso għas-subartikolu (1) għandha tkun debitament appuntata għas-smigħ mill-qorti u għandha tiġi notifikata lill-konvenut flimkien ma' l-avviż ta' dik is-seduta:

Iżda meta jkun hemm involuta l-vjolenza domestika, ir-rikors imsemmi għandu jiġi appuntat fi żmien erbat ijiem u l-qorti tista', b'inizjattiva tagħha stess qabel ma tisma' lill-partijiet jew wara, toħroġ ordni ta' protezzjoni taħt l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u, jew ordni ta' trattament taħt l-artikolu 412D ta' l-istess Kodiċi, u d-disposizzjonijiet ta' dawk l-artikoli għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal ordni maħruġa taħt dan l-artikolu bħallikieku din kienet ordni maħruġa taħt l-artikolu korrispondenti ta' dak il-Kodiċi:

Iżda wkoll għall-finijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 39, "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Vjolenza Domestika.".

Emenda ta' l-artikolu 39 tal-liġi prinċipali.

**23.** Minnufih wara l-artikolu 38 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu li ġej:

“Ordnijiet ta’ Protezzjoni u Trattament f’kawża għal firda personali.

39. Meta tkun ġiet preżentata kawża għal firda personali minn konjuġi u jkunu nġiebu provi ta’ attijiet ta’ vjolenza domestika, il-qorti tista’, jew wara li xi waħda mill-partijiet tagħmel rikors jew fuq inizjattiva tagħha stess sabiex tipproteġi s-sigurtà tal-partijiet involuti jew fl-aħjar interessi tat-tifel jew tat-tfal jew ta’ xi dipendenti minuri oħra ta’ wieħed mill-konjuġi, toħroġ ordni ta’ protezzjoni taħt l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u, jew ordni ta’ trattament taħt l-artikolu 412D ta’ l-istess Kodiċi u d-disposizzjonijiet ta’ dawk l-artikoli għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għal ordni maħruġa taħt dan l-artikolu bħallikieku dik kienet ordni maħruġa taħt l-artikolu korrispondenti ta’ dak il-Kodiċi.”.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 335 tas-7 ta’ Diċembru, 2005.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*